TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU: 389

Kaz Nru. 567

Fit-Tilwima tax-Xoghol
bejn
Taqsima Port u Transport tal-G.W.U.
u
Tug Malta Co. Ltd.
dwar is-Sinjuri F. Sciberras u J. Buttigieg

11 ta' Dicembru 1990

Chairman: Is-Sur Maurice J.V. Bonello, M.B.E.
Membri: Is-Sur Arthur Micallef
Is-Sur Sydney A. Gatt F.C.I.T.

Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 31 ta' Awissu, 1990 skond il-provedimenti ta' l-Artikolu 27(3) tal-Att tal-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali.

Il-General Workers' Union kienet talbet lill-Ministru biex iressaq it-tilwima li kellha mal-Kumpanija Tug Malta Ltd, quddiem it-Tribunal b'dawn it-"Terms of remit":

"Is-Sinjuri F. Sciberras u J. Buttigieg haddiema tat-Tug Malta gew imtelfa somma ta' flus ta' madwar Lm170 meta huma ma' gewx avzati sabiex jirraportaw skond il-procedura wzata mill-Kumpanija ghal xoghol ta' operazzjoni ta' salvatagg, fuq il-vapur "Maritza". Il-kaz gara fl-1981".

It-Tribunal zamm erba (4) seduti, l-ahhar wahda 'in camera'. L-atturi kienu mghejjunin mis-Sur Tony Zarb, Segretarju Port u Transport tal-G.W.U., waqt illi ghall-Kumpanija deher is-Sur Maurice Petrococchino, is-Sur Alphonse Caruana u is-Sur Alfred Degiorgio.

RIZULTANZI

Jirrizulta mill-provi u mix-xhieda illi s-Sibt 5 ta' Settembru, 1981, Tug Malta Ltd. irciviet talba ghall ghajnuna minghand l-agenti tat-tanker "Maritza" li kien inkalja fuq Benghajsa Reef, huwa w diehel Marsaxlokk. Din it-talba waslet fil-ghodu ghal xi s-7.30 a.m. Il-master tal-lanca "Cetta", is-Sur J. Magri, li kien ukoll wiehed mill-ufficjali nkarigati biex isejhu n-nies ghax-xoghol, gie avzat mis-Sur R. Portelli, ufficjal iehor tal-Kumpanija li kien inkarigat biex isejjah in-nies, biex jigbor l-ekwipagg tac-"Cetta" u jinzel ghax-xoghol malajr, biex johrog fuq din l-operazzjoni ta' salvatagg. Is-Sur J. Magri kien ordnat mis-Sur Portelli li kien Duty Officer dak in-nhar biex juza l-procedura tas-soltu. Is-Sur Magri rnexxielu jsib seba' mill- ekwipagg. It-tmien wiehed ghaliex ic-"Cetta" kellha ekwipagg ta' tmienja min-nies, suppost li kien Harry Zammit, imma dan kien bil-leave awtorizzat, minhabba l-festa ta' pajjizu, u ma riedx jinzel. Il-first replacer' kien Franz Sciberras. Lil dan is-Sur Magri ma sabux personalment imma halla messagg ghalih biex jinzel ghax-xoghol. Is-Sur Magri avza lis-Sur Portelli b'dak li kien ghamel, u peress li kellu jinzel ghax-xoghol, halla f'idejh.

Is-Sur Magri kien ukoll cempel lis-Sur J. Buttigieg, imma lil dan kien avzah biex jinzel ghax-xoghol normali u mhux ghall-operazzjoni ta' salvatagg. Is-Sur Buttigieg kien 'replacer nd. 2'.

Is-Sur Portelli kien qabbad is-Sur Lorry Schembri, li kien jaghmel xoghol volontarju javza n-nies ghax-xoghol fid-distrett taz-Zejtun, biex imur id-dar tas-Sur Sciberras u jghidlu biex jinzel, imma s-Sur Schembri ghalkemm habbat fuq il-bieb, ma fetahlu hadd.

Is-Sur Portelli imbaghad baghat ifittex lis-Sur Joseph Ciantar, bahri. Dan gie, tela' fuq ic-"Cetta", u l-lanca telqghet ghall-operazzjoni.

L-ezitu ta' din il-hidma kien pozittiv, u l-flus ghas-salvatagg thallsu . kemm lill-Kumpanija, u kemm lill-ekwipagg li kienu pparteciparw fl-operazzjoni. Dana kien skond il-provvedimenti fil-Ftehim Kollettiv li gie ffirmat f'Dicembru tal-1981 li jghidu illi "In all salvage operations the crew of the tugs involved shall be Co-Salvors with the Company".

KONSIDERAZZJONIJIET

Huwa car illi kien hemm procedura wahda biex jissejhu n-nies ghax-xoghol. Ma kien hemm l-ebda procedura ohra jew xi sistema ohra li kienu applikabbli f'kazijiet ta' urgenza fejn id-dewmien kien ikun ta' pregudizzju kemm ghall-vapur li kien qed jitlob l-ghajnuna kif ukoll lill-istess Kumpanija.

F'dan il-kaz partikolari kien hemm fattur iehor. Kien hemm kompetizzjoni minn-naha ta' Kumpanija barranija fis-sens illi lanca ta' din il-kumpanija kienet ukoll sejra ghal fuq il-"Maritza" minn-naha ta' Tripli.

Jigifieri f'dan il-kaz, kien hemm il-fatt illi kien jezisti xi periklu ghall "Maritza" u/jew il-merkanzija tieghu peress illi dan kien salvatagg, u kien hemm Kompetizzjoni ghax-xoghol, u ghalhekk ghal-flus, minn-naha ta' Kumpanija barranija.

F'dawn ic-cirkostanzi, it-Tribunal huwa tal-opinjoni illi ghamel sew il-Master tac "Cetta" li telaq mill-iktar fis, hekk kif kellu l-ekwipagg shih.

It-Tribunal innota illi skond il-procedura biex jissejhu n-nies, kien hemm certa latitudni ghal dak li huwa z-zmien li kellhom biex jinzlu ghax-xoghol. Siegha saghtejn, anki tlitt sieghat.

Fl-opinjoni tat-Tribunal, din il-procedura zgur li ma kienitx

prattikabbli f'dan il-kaz ta' salvatagg. Kien hemm bzonn ta' procedura ohra li ma kienitx tinvolvi telf ta' zmien. Sfortunatament, din ma kienitx tezisti.

It-Tribunal ikkonsidra, fit-tul, jekk kien hemm xi nuqqas minn-naha tal-Kumpanija, u jekk il-Kumpanija kienet ghamlet dak kollu li kien ragunevolment possibbli biex jissejjhu n-nies li kien imisshom xoghol.

Fl-opinjoni tat-Tribunal, fic-cirkostanzi ta' dak in-nhar u fid-dawl tan-natura tal-operazzjoni, il-kumpanija ghamlet dak kollu li kien possibbli fil-limiti tal-procedura ezistenti.

Ghalkemm wara disa' snin, wiehed ma jistax ighid illi l-memorji kienu friski, fl-opinjoni tat-Tribunal huwa logiku illi s-Sur Magri kien javza lis-Sur Buttigieg ghax-xoghol normali u mhux ghas-salvatagg, ghaliex kien ghadu kif halla messagg lis-Sur Sciberras li kien in-No. 1 "replacer" biex jinzel ghax-xoghol ta' salvatagg, u kien hemm bzonn ta' wiehed biss biex jaqqghad l-ekwipagg ta' tmienja.

Fil-kaz tas-Sur Sciberras, jidher illi saru sforzi biex isibuh, li ma rnexxielhux. It-Tribunal huwa ta' l-opinjoni illi min ikun ghassa f'gurnata partikolari ghandu obbligu, ftit jew wisq, biex javza lid-Duty Officer ta' dak in-nhar fejn jista' jinstab ezattament fil-kaz ta' bzonn.

DECIZJONI

Ghalkemm it-Tribunal jissimpatizza mall-atturi Sciberras u Buttigieg ma jistax jaccetta l-ilment taghhom li gew imtelfa l-flus tas-salvatagg minhabba xi nuqqas minn-naha tal-Kumpanija jew l-ufficjali taghha.

Izda, minhabba li t-Tribunal iddecieda li kien hemm bzonn ta' procedura li ma kienitx tinvolvi telf ta' zmien, iddecieda, illi l-Kumpanija ghandha taghti bidu minnufih ghas-sejbien ta' procedura, preferibbilment ma' l-Unions biex jigu stabbi-

liti regulamenti amministrattivi, ghas-sejbien tal-haddiema ghax-xoghol f'hinijiet regulari.

Din il-procedura trid tkun komponuta b'mod car li tiddistingwi bejn:

(a) Hlas li jithallas ghall hinijiet barra l'hin normali tax-xoghol bir-rata ta' overtime normali, kif ga hemm fil-Ftehim Kollettiv.

U

(b) Hlas specjali ghall xoghol ta' emergenza u urgenza barra 'l hin normali tax-xoghol, f'liema hin id-dewmien mhux tollerabbli.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Maurice J.V. Bonello
Chairman

Arthur Micallef
Membru

Sydney Gatt
Membru

Edwin Spiteri
Segretarju